

# Nieħdu ħsieb ħwejjiġna

**John Schembri**
*Direttur*



Xi ftit tal-ġranet ilu kont ngħid kelma ma' ħabib tiegħi u d-diskors waqa' fuq kif xi nies bħal donnhom jieħdu gost jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex ikissru ħwejjeġ pubbliċi. Mhux l-ewwel darba li nisimgħu fuq l-aħbarijiet li wara proġett sħiħ ta' tisbiħ f'xi lokalità li ġie jiswa ma nafx kemm-il elf ewro, xi ħadd deherlu li kellu jkisser il-bankijiet, jaqla' x-xtieli, jaqsam il-friegħi tas-siġar, jiddendel mal-fanali, iċappas biż-żebgħa l-ħitan, jew jagħmel xi tip ta' ħsara oħra. Imma ngħid jien, x'gost jista' jkun li ħa meta għamel dan? X'ħa b'danakollu? Possibbli li għamel azzjoni bħal din, apposta?

Imbagħad hemm min il-ħsara jikkawżaha bi traskuraġni jew billi jagħmel użu ħażin mill-oġġett, ħafna drabi mingħajr lanqas biss jinduna li b'għemilu qed jagħmel il-ħsara. Żgur li kulħadd tiġih f'moħħu xi ġrajja bħal din, wisq probabli anke fil-ħajja privata tal-individwu stess. Meta dan jiġri darba f'mitt qamar, probabbilment il-ħsara lanqas biss tinduna biha jew tkun żgħira ħafna. Imma meta mbagħad l-istess azzjoni tkun repetuta kemm-il darba, hemmhekk li jibda jinħass sew l-effett tagħha. Dan jgħodd b'mod partikolari fejn ikun hemm numru kbir ta' nies, għax xi kultant ikun hemm min jitħajjar jikkopja dak li jagħmel ħaddieħor, forsi anke mingħajr l-ebda intenzjoni ħażina. Ħafna mid-drabi, kelma tmur fin-nofs biex dak li jkun jinduna li qed jiżbalja jew li forsi jista' jagħmel xi ħaġa b'mod aħjar. L-importanti li l-kelma tingħad bil-kwiet, mingħajr ħafna storbju u teatrini, u li l-persuna tinduna li żbaljat u tikkoreġi l-għemil tagħha.

F'każin bħal ma hu dan tagħna, tiltaqa' ma' ħafna nies, min forsi ikun daqsxejn inqas delikat minn ħaddieħor, u għalhekk ma teħodhiex bi kbira li xi kultant l-oġġetti jinkisru. Iżda ninsab ċert li kieku kulħadd ikun ftit iktar attent f'għemilu, kieku l-ħsarat ikunu iżgħar u inqas frekwenti. Wara kollox, il-każin hu tal-membri kollha u kulħadd irid jiġbed ħabel wieħed sabiex inżommuh fl-aħjar stat possibbli. Bi ftit aktar attenzjoni jgawdi kulħadd.

Qabel nagħlaq dan l-messaġġ, nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha, b'mod speċjali lill-morda u lill-anzjani tagħna li ma jistgħux igawdu l-festa magħna.

**Ningħaqdu mad-Dinja kollha ħalli nagħtu qima lill-**

**IMQADDSA VERĠNI MARIJA**

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

**Agħtiha r-Rużarju bħala rigal**

**"Mur u pprietka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ." -** il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba biex naslu li nbiddlu ħajjitna m'huwiex ħaġa oħra ħlief ir-reċita tar-Rużarju."** - Papa Ljun XIII